# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju 2024

**Avviż Nru: 17/2019**
**Nru fuq il-Lista: 2**

**Joseph Said (K.I. 474566M)**

**vs**

**Nicolina Theuma[1]**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tal-attur mressaq fil-24 ta' Jannar 2019[2], fejn għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallsu u trodd lura s-somma ta' sitt elef u tlett mitt Ewro (€6,300) rappreżentanti s-sehem tagħha min-numru ta' vjaġġi barra minn Malta li huma għamlu meta kienu għadhom f'relazzjoni flimkien.

[1] Inizjalment, il-konvenuta ġiet indikata bħala Nicholette iżda permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Mejju 2023, isem l-istess konvenuta ġie korrett.
[2] A fol 1 tal-proċess.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif l-ewwel preseduta datat 30 ta' Jannar 2019[3].

Rat ir-risposta tal-konvenuta mressqa fit-18 ta' Frar 2019[4] fejn wara eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tgħid li hija m'għandha tagħti xejn lill-attur.

Rat in-nota tal-attur ippreżentata fit-13 ta' Ġunju 2019[5] fejn ressaq l-affidavit tiegħu.

Rat ix-xhieda in kontro-eżami tal-attur[6].

Rat ix-xhieda tal-konvenuta[7].

Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti kif l-ewwel preseduta datata 24 ta' Settembru 2019[8], fejn ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta.

Rat ix-xhieda ta' Joanne Bartolo u Paul Bugeja[9].

Rat ix-xhieda ta' Colin Aquilina[10].

---

[3] A fol 3 tal-proċess.
[4] A fol 6 tal-proċess.
[5] A fol 11 tal-proċess.
[6] Sedta tal-25 ta' Ġunju 2019. Xhieda tibda a fol 14 tal-proċess.
[7] Imwettqa fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2019 u tibda a fol 20 tal-proċess.
[8] Din tinstab a fol 24 *et seq* tal-proċess.
[9] Xhieda mogħtija fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2020.
[10] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2021.

Rat ix-xhieda ta' Karl Shranz[11].

Rat ix-xhieda ta' Joseph Said[12].

Rat l-affidavit tal-konvenuta, mressaq fid-9 ta' Frar 2023[13].

Rat l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023[14] tal-Onor. Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Nadine Lia ġew assenjati lil din il-Qorti kif issa preseduta.

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2023[15] fejn intlaqgħet talba għall-korrezzjoni fl-okkju tal-kawża u ntalab ukoll differiment fit-tul.

Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami tal-konvenuta[16].

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur[17].

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut[18].

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-8 ta' April 2024 fejn instemgħet it-trattazzjoni finali[19] u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

---

[11] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2022.
[12] Xhieda mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2022.
[13] Nota relattiva tinsab a fol 153 tal-proċess.
[14] A fol 162A tal-proċess.
[15] A fol 163 tal-proċess.
[16] Xhieda mogħtija fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2023.
[17] Din tibda a fol 169 tal-proċess.
[18] Din tibda a fol 176 tal-proċess.
[19] Debitament reġistrata u traskritta kif ordnat u tibda a fol 175A tal-proċess.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi l-provi u x-xhieda kienu brevement is-segwenti.

Illi l-attur inizjalment xehed permezz t'affidavit[20]. Jgħid li huwa kien f'relazzjoni mall-konvenuta mis-sena 2007, għalkemm ma kienux jgħixu taħt l-istess saqaf. Jgħid li kien hemm diversi drabi meta marru mawra barra mill-pajjiż u kien dejjem iħallas minn butu. L-ispejjeż hawn mitluba huma t-titjiriet u l-akkomodazzjoni tal-vjaġġi relattivi. Il-konvenuta kienet tieħu ħsieb tippjana il-vjaġġ u hu kien iħallas. Dak iż-żmien, il-konvenuta ma kienitx taħdem fuq bażi *full time* iżda hija kienet dejjem tgħidlu li kienet sejra tħallas sehemha lura meta tibda taħdem. dan kien diskors ta' kull safra. Hu kien jafdaha u ma kienx ikun inisistenti magħha. Fl-aħħar vjaġġ, dak tas-sena 2017, kienet bdiet taħdem fuq bażi *full time* u meta reġa' saqsa għall-ħlas talbitu ftit żmien. Peress lir-relazzjoni dak iż-żmien kienet waħda stabbli, huwa baqa' jemmen li kien sejjer jirċievi l-flus. Ftit wara li rritornaw minn dan l-aħħar vjaġġ, ir-relazzjoni ntemmet. Hu baqa' jinsisti għall-ħlas, intbagħtet ittra uffiċjali iżda baqa' mingħajr risposta. Għalhekk saret din il-kawża.

Illi in kontro-eżami, l-istess xhud[21] ma jaqbilx li l-konvenuta kienet titimgħu ta' kuljum, u jgħid li kienet taħsel il-ħwejjeġ darba fil-ġimgħa. Ma jaqbilx li l-vjaġġi kienu rigali tax-xogħol li kienet tagħmel miegħu. Jerġa jgħid li hu kien jemmen li kien sejjer jitħallas lura. Hija kienet taħdem part-time ma soċjetà u eventwalment daħlet *full time* ma l-istess soċjetà. Ma jafx kemm kellha paga. Il-

[20] Dan jinsab a fol 11 tal-proċess. Dan kien fl-istadju meta l-kawża kienet miexja fuq l-ewwel eċċezzjoni konċernanti l-preskrizzjoni.
[21] Xhieda tibda a fol 14 tal-proċess.

ħlas kien jagħmlu hu, iżda kienet il-konvenuta li tieħu ħsieb l-affarijiet. Fuq mistoqsija tal-Qorti jibqa' jgħid li fil-fehma tiegħu, hu kien jaħseb li nofs il-flus kienu sejrin jintraddu lura. Jgħid li qabel l-aħħar safra, meta hija bdiet taħdem *full-time,* kienet qaltlu li kienet sejra iġġemma kollox u tħallsu f'daqqa waħda. Jiċħad li qatt qalilha li dawn kienu rigali jew li kienu ħlas tas-servizzi tagħha.

Illi f'kontro-eżami ieħor[22] jerġa jikkonferma li l-ittra uffiċjali inizjalment mibgħuta kienet ġiet mressqa wara sentejn[23]. Jibqa' jgħid li waqt kull vjaġġ il-konvenuta kienet dejjem twiegħed li sejra tħallas. Ir-rieżami tiegħu f'din is-seduta kien wieħed irrelevanti.

Illi xehdet ukoll il-konvenuta. In subizzjoni[24] tgħid li r-relazzjoni damet xi għaxar snin. Tikkonferma li kien hemm iktar vjaġġi minn dawk imsemmija f'din il-kawża. Tgħid li hija qatt ma ħallset, iżda tgħid li qatt ma kienet intalbet tħallas qabel. Sussegwentement, fl-affidavit tagħha[25] ttenni li hija kienet f'din r-relazzjoni għal xi għaxar snin. Tinsisti li kien l-attur li ħallas bħala ringrazzjament ta' dak li kienet tagħmel miegħu. Id-destinazzjonijiet kienu f'idejn l-attur. Tgħid li kien biss wara li ntemmet ir-relazzjoni li nfetħet il-kawża. Tiċħad li qatt offriet ħlas tas-sehem tagħha. F'kontro-eżami ieħor[26] tikkonferma li l-postijiet mertu tal-ivvjaġġar kienu l-Awstralja, l-Amerika, Bulgarija u l-Polonja.

Illi xehdet Joanna Bartolo rappreżentat tal-Bank of Valletta[27] li eżebiet xi stampi ta' ċekkijiet maħruġa mill-attur.

---

[22] Xhieda tibda a fol 148 tal-proċess.
[23] Il-Qorti ma tantx tista tifhem għala saret din il-mistoqisja, ġaladrba il-kwistjoni tal-preskrizzjoni kienet f'dan l-istadju waħda deċiża.
[24] Xhieda tibda a fol 20 tal-proċess.
[25] Imressaq b'nota a fol 153 tal-proċess.
[26] Xhieda tinsab a fol 166 tal-proċess.
[27] Xhieda relattiva tibda a fol 76 tal-proċess.

Illi xehed ukoll ċertu Paul Bugeja[28]. Dan jispjega li kien involut fil-biljetti għall-Bulgarija. Ma jiftakarx kemm kien l-ammont u kif tħallsu. Ma jiftakarx minn għadda l-flus iżda jgħid li l-intimata hija oħt il-konvenuta.

Illi xehed ukoll Colin Aquilina[29]. Huwa sempliċiment jagħti informazzjoni fuq vjaġġ tas-sena 2011. Kienet il-konvenuta li ngħatat rċevuta u ma jiftakarx jekk kienx l-attur li għamel il-prenotazzjoni.

Illi xehed ukoll ċertu Karl Shranz[30]. Dan spjega li huwa direttur ta' FCM Travel Solutions u jiddeskrivi dokumenti konċernanti vjaġġ l-Amerika. Il-pagament sar fis-sena 2015.

**Mertu**

Illi magħmul dan ir-riassunt huwa ċar li din il-kawża titratta, il-fatt ta' jekk l-ammont mitlub mill-attur f'dawn il-proċeduri għandux jitqies bħala titolu ta' self jew donazzjoni (rigal). Din tidher li hija d-difiża prinċipali tal-konvenuta.

Illi tassew, jingħad li kawżi simili jinqalgħu ta' spiss, speċjalment bejn kontendenti li jkunu f'relazzjonijiet amorużi[31]. F'każ ta' self, dan jista' dejjem

---

[28] Xhieda tibda a fol 81 tal-proċess.
[29] Xhieda tibda a fol 102 tal-proċess.
[30] Xhieda tibda a fol 127 tal-proċess.
[31] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Galea vs Alice Agius,** (App Ċiv Nru: 422/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010. Dan kemm minħabba dak għar-rakkolta ġurisprudenzjali u dottrinali hemm magħmul b'fatti simili għal dawk odjerni, iżda wkoll għas-senjalazzjoni ta' dik il-Qorti magħmula bis-segwenti mod: *"L-esperjenza tghallem illi x-xorta ta' self hawn ikkontemplat huwa anke familjari fost koppji ta' namrati, gharajjes jew f'relazzjoni amoruza. L-ezemplari fir-rigward mill-gurisprudenza huma numeruzi. Ara "Maria Dolores Spiteri -vs- Mark Caruana", Appell Superjuri, 19 ta' Gunju, 2001 u "Raymond Avallone -vs- Therese Agius", Appell Inferjuri, 3 ta' Novembru, 2004 u l-bosta decizjonijiet f'din ta' l-ahhar kompendjati. Dan qieghed jigi rilevat in kwantu*

jiġi deżunt minn provi ċirkostanzjali jekk dawn jikkonvinċu lil min hu mitlub jiġġudika[32]. Huma tnejn l-elementi li għandhom jiġu pruvati u ċioé, *it-traditio rei* u li l-aċċettazzjoni ssir bl-obbligazzjoni tar-restituzzjoni[33].

Illi fuq ix-xaqliba l-oħra, l-oneru tal-prova tad-donazzjoni jaqa' ċomb fuq spallejn min jallega l-istess, għaliex kif huwa ben aċċettat il-kuntratt ta' donazzjoni ma jistax jiġi preżunt[34], kif imfisser *in dubio autem donatio non*

---

*wkoll fil-kaz prezenti l-kontendenti kienu f'relazzjoni konsimili, kif hekk minnhom it-tnejn accettat u ammess"*

[32] B'senjaletika tajba, fost diversi, ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet għas-sentenza fl-ismijiet **Perit Ondre Camilleri vs Leslie Corney**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-27 ta' Ottubru, 2000, fejn intqal li "*li bih min jislef javvanza flus lil min issellef, li minn naha tieghu jassumi l-obbligu li jirrestitwihom. Bhal kull kuntratt iehor, kif dejjem jista' jkun wiehed car u specifiku, jista' jkun ukoll dezunt mill-provi cirkostanzjali li ma jhallu l-ebda dubju f'mohh il-gudikant x'kienet il-volonta` kontrattwali tal-partijiet involuti fin-negozju".*

[33] F'dan is-sens, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Muscat *et* vs Pacifico Bonniċi *et*,** (Ċit Nru: 745/1994/1), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Jannar 2005 fejn ġie mfakkar hekk: *"Mill-premessa tifsira li l-ligi taghti lill-kuntratt bhal dan hu ovvju illi l-attur li jitlob ir-restituzzjoni tal-hwejjeg minnu mislufa jrid jipprova l-elementi kostituttivi tal-kuntratt, u cjoe t-traditio rei ossija f' dan il-kaz, il-konsenja tal-flus, u, inoltre, li din il-konsenja giet effettwata b' titolu li jimporta l-obbligu fl-accipiens li jirrestitwixxi l-ekwivalenti tas-somma mislufa. Huwa biss meta jirrizultaw accertati dawn izzewg elementi tal-fatt kostituttiv tal-pretiza illi jista' jinghad illi l-attur ikun adempixxa l-oneru probatorju nkombenti fuqu"*

[34] Dwar dan u dwar il-presunzjoni bejn self u donazzjoni, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Hector Nicholas Buhagiar *et* vs Jesmond Garrett,** (App Ċiv Nru: 167/17/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2022.

*praesumitur*[35]. Id-dubju għandu jmur kontra min jallega d-donazzjoni[36]. Huwa propju għalhekk, dejjem salv għal dak li jipprovdi is-subinċiż tnejn (2) tal-artikolu 1753 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-liġi tirrikjedi ċertu solennità sabiex jiġi mħejji u magħmul kuntratt ta' donazzjoni[37]. Huwa b'hekk f'idejn il-Qorti tara jekk fil-mument ta' kull ħlas individwali, l-attur riedx b'mod permanenti, jeħles mill-flejjes żborsati minnu[38]. Huwa dak il-mument li għandu

---

[35] F'dan is-sens, fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Reuben Farrugia *noe* vs Tessa Pisani,** (Ċit Nru: 1413/1996/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' April 2010. Hekk ukoll issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Vella Laurenti vs Alexander Vella Laurenti,** (App Ċiv Nru: 930/05) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Novembru 2020 fejn ġie mfakkar hekk: *"Isegwi li, meta l-mertu tal-ahhar argument imqanqal mill-attur appellant jigi ezaminat fid-dawl ta' dawn l-elementi rekwiziti, din il-Qorti taqbel malanalizi maghmula mill-ewwel Qorti, fis-sens li prova cara u inekwivoka talahhar element cioè tal-animus donandi ma tirrizultax. Anzi l-verzjonijiet tal-partijiet huma tassew konfliggenti u t-tnejn plawsibbli, kwindi ccirkostanzi huma wisq ekwivoci sabiex minnhom il-Qorti tkun tista' tikkonkludi fil-grad ta' konvinzjoni mehtiega, u tghid li effettivament saret donazzjoni tal-flus inkwistjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din ilQorti (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Albert Fiorentino v. Rebecca Attard deciza fid-19 ta' Mejju, 2004, citata wkoll mill-ewwel Qorti.) Innuqqas ta' dan l-element ta' animus donandi, jesimi lil din il-Qorti milli tinvesti dan l-argument ulterjorment. Fid-dawl tal-insenjament gurisprudenzjali appena citat, fin-nuqqas ta' provi cari, inekwivoci u konklussivi li sehhet donazzjoni, din il-Qorti tadotta l-principju tad-dritt Ruman in dubio autem donatio non praesumitur. Wara kollox min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu Ii jipprovaha sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni (P.A.4.II.1946 fil-kawza flismijiet Scicluna et v. Psaila Kollez. Vol. XXXII. II. 472)."*

[36] Issir referenza għal-dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Margaret Woodall vs Anthony Rapa,** (Avv Nru: 1068/96) mogħtija finalment mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' Novembru 2001 u dik fl-ismijiet **Mohammed Dau Akaari vs Kvein Lungaro Mifsud *et*,** (App Ċiv Nru: 510/2009/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-26 ta' Novembru 2014.

[37] Il-ġurist **Francesco Ricci** dwar dan jgħid jekk: "*Or, perché la legge esige che le donazione si facciano per atto pubbliċi? Perché, lo abbiamo gia accennato, il legislatore grandement diffida delle liberalitá che possono procedere da moventi meno che onesti, o da determinazione dell'animo non troppo libera e spontanea. Esigendo il legislatore l'intervento del pubbliċi ufficiale e dei testimoni nell'atto di donazione, egli non solo si assicure che il piu delle volta i contraenti non oseranno porsi al cospetto degli uni e dell'altro ove non siano animati da fini onesti; ma, quel che piu monta, ha in siffatto intervento la guarentigia la piu sicura della piena spontaneitá dell'atto che si compie, essendoché mal si potrebbe tener celata e al notai ed ai testimoni, che conoscono perfettament le parti contraenti, la coazione cha l'una di esse, od anche un terzo, avesse sull'altra esercitata."* – Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol V, III ed, UTET, 1923.para 224, a fol 456.

[38] Il-ġurist **Luigi Mattirolo** jispjega l-kunċett dan bil-mod segwenti: *"A nostro avviso, la tradizione é un fatto sempliċi, e non convenzionale, solo quando essa costituisce purament l'esecuzione di un accordo preċedenti, giá leġittimament provato. Ma nella donazione* manuale *occorre la tradizione animo donanti, la quale costituisce, come ciá dicemmo, l'essenza stessa*

jiġi kunsidrat u mhux xi ripensament futur[39]. Il-mistoqsija allura hija, fil-ħin ta' dawn il-vjaġġi, l-attur għażel li jnaqqas il-patrimonju tiegħu u b'hekk jarrikixxi lill-konvenuta[40], mingħajr ħsieb li jitħallas lura?

---

*dell' atto: in siffatta tradizione si manifesta e si concreta la volontà del donante, l'accettazzione del donatario, e l'esecuzione contemporancea dell' accordo di queste due persone".* – Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano, IV ediz, Vol II, Fratelli Bocca Editori, para 324, a fol 284.

[39] F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jara dak meqjus u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Pauline Vella Moran vs Concetta Abela,** (Rik Nru: 1010/2010/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 2017.

[40] L-awturti **Andrea Torrente u Piero Schlesinger** fl-opra tagħhom Manuale di Diritto Privato jgħidu hekk: *"l'arricchimento puo realizzarsi o disponendo di un diritto (il che puoó avvenire si trasmettendo al donatario il diritto stesso, sia costituendo a favore del donatario un diritto reale gravante su un bel bene del donante: es. Donazione di usufrutto; nella maggior parte dei case la donazione consiste nel trasferimenti di un diritto reale, ma potrebbe anche darsi l'ipotesi della donazione di un credito) o assumendo un'obbligazione nei confronti del donatario, purché non si tratti di un facere (non rimango vincolato se mi impegno a restaurare senza corrispettivo un eficidio).* Ukoll, il-ġuristi Baudry-Lacantineri u Colin, fl-opra tagħhom **Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile** jgħidu hekk *"Colla donazione il donante si impoverisce per arricchire il donatario:* – CASA EDITRICE DOTTOR FRANCESCO VALLARDI, Delle Donazioni fra Vivi e dei Testamenti, Vol 1, para 17 a fol 6.

Illi naturlament, il-verżjonijiet tal-kontendenti ma jaqblux[41], anzi jagħtu deskrizzjonijiet opposti għal dak li verament seħħ[42].

Illi din il-Qorti tqis li l-verżjoni tal-attur hija aktar kredibbli. Fi kliemu stess, il-kawża tal-lum m'hijiex maħsuba sabiex titlob rimbors ta' kull ammont imħallas minnu waqt ir-relazzjoni tiegħu mal-konvenuta, iżda hija ffukata biss fuq erba'

[41] F'dan is-sens utli li ssir referenza, u li jiġi ċitat l-bran rilevanti b'mod globali, dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' Novembru 1966. Issa, huwa minnu li partijiet minn dan il-bran ġie utilizzat diversi drabi mill-Qrati tagħna, jitqies doveruż li jiġi ċitat il-bran rilevanti kollu. Fis-sentenza intqal hekk: *" Illi huwa veru li hemm konflit kbir bejn il-verżjoni tal-attur u dik tal-konvenut iżda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu iħalli lill-Qorti f'dak li stat ta' perplessitá li minħabba fieħ ma tkunx tista tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa fuq ir-regola tal "in dubio pro reo". Il-konflitt fill-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għal li żbalji tal-perċezjonijiet tiegħu u għall passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati iridu ikunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad li "tot homines tot sententia", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għalarrieda, e.g. identita', veloċita', ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skond l-esperienza komuni, s-sensi jistgħu jitqarqu, imma għal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li ikunu setgħu ġew osservati f'periodu twil ta' snin, bħal f'dan il-kas, allura isir ċar li xi wieħed mill-kontendenti ikun ħalla l-interess u l-passjoni jelbuħ u b'hekk jabbuża mill-proċess tal-ġustizja. Meta il-kas ikun hekk il-Qorti mgħandix taqa' ċomb fuq li skappatoja tad-dubju, imma għanda teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibitlita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitá u tal preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għal konvinċiment tal-ġudikant, eċċezzjoni ta' xi każijiet gravi li mgħandhomx rassomiljanza mal-kas presenti (Formosa untrinque, P.A. 1964, konfermata fl-Appell, 22 ta'Marzu 1965). Anzi f'kasijiet bħal dawn, ikbar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra ikbar tidher il-possibilitá tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*

[42] Propju fuq kwistjoni ta' donazzjoni, issir referenza *in extensio* għal dak li ġie maġistralment dikjarat *obiter* mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Rosina Gauci vs Antonia armla Borg,** mogħtija nhar il-4 ta' Frar 1965 fejn intqal hekk: *"Jekk l-attriċi tippretendi li l-flus saru tagħha dan ma tistax tippruvaħ ħlief bit-titolu ta' donazzjoni. Biex ikun hemm donazzjoni, apparti mill-kwistjoni tal-formalitajiet rikjesti, - salvo fil-kiażijiet eċċettwai "ad substantiam", irid ikun hemm l-animu tal-liberalitá, sakemm ma jkunx xi każ ta' donazzjoni rimuneratorja. Il-provi fuq in-natura tar-rapport bejn il-partijiet f'dan ir-rigward huwma konfliġġenti kif soltu jiġri f'każijiet bħal dawn, għax sa meta r-relazzjonijiet familjari jkunu għadhom tajbin kollox isir "alla buona" u bi ftit rigward għall-esiżenzi probatizji futuri, u mbagħad wara, meta jibdew id-dissidji, il-fatti ġia minnhom konfusi jkomplu jikkonfondu ruħhom għall-agħar bit-testimonjanzi kuluriti bl-ispirtu partiġjan.* ***Il-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha preskritta mill-liġi lankra tas-salvataġġ tar-regola tal-oneru tal-prova."***

vjaġġi. Wara kollox, irriżulta li kien hemm wariet oħra lill'hemm minn xtutna li mhumiex inklużi. M'huwiex kontestat li l-konvenuta daħlet f'impjieg fuq bażi *full time* wara li seħħew dawn il-vjaġġi (salv għall-aħħar wieħed) u allura din il-Qorti tqis aktar verosimili l-fatt li l-ħlas tas-safar mertu tal-kawża ma sarx minħabba l-qagħda finanzjarja tal-konvenuta. Meta wieħed iqis ukoll l-ammonti globali ta' dak żborsat fir-rigward ta' dawn il-vjaġġi, il-Qorti m'hijiex konvinta li dawn ingħataw bħala rigal jew ħlas.

Illi b'mod sussidjarju mbagħad, sa fejn jidher li ġiet ventilata difiża mill-konvenuta li dawn il-vjaġġi ngħataw bħala ħlas għal għajnuna magħmula minnha (serviġi), jingħad li huwa bil-wisq ċar li din id-difiża ma tistax tintlaqa. Fi kliem il-liġi, it-tpaċija[43] (kif qisha trid il-konvenuta) sseħħ biss bejn krediti li huma likwidi. Kienet għażla tal-konvenuta li ma twessax dan il-litiġju bil-proponiment ta' xi kontro-talba. Ċertament, l-eċċezzjonijiet tagħha (li huma miktuba b'mod ġenerali), f'dan il-kuntest, ma jippermettux indaġini oltre minn eżami tat-talba tal-attur. Fil-verità, b'din l-aħħar difiża tagħha, aktar ikkonvinċiet il-Qorti li fil-fatt l-attur għandu kreditu kontra tagħha, għaliex d-difiża tat-tpaċija tista' titqies li twassal għar-rikonoxximent ta' dejn[44].

---

[43] Issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija nhar il-25 ta' Novembru 2013, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar id-29 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Middlesea Insurance p.l.c vs Raymond Avallone,** fejn ġie mfakkar hekk: *"Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha. Biex tista' sseħħ it-tpaċija legali jeħtieġ jintwera li (a) jkun hemm żewġ djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin, (ċ) li jkunu omoġenji (jiġifieri, jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistgħu jkunu likwidati bla taħbit kbir u jkunu ċerti wkoll f'dik li hija kwantità; u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu;"*

[44] F'dan is-sens, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Gabriel Parnis *et* vs Joseph Cucciardi *et*,** (934/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-16 ta' April 2004.

Illi eżaminat kollox, il-Qorti ssib li l-azzjoni timmerita akkoljiment. Għalhekk it-talba tal-attur għandha tintlaqá fl-intier tagħha, anke għaliex, miċħuda d-difiża tagħha[45], l-istess konvenuta għażlet li ma tikkwerelax ukoll l-ammont (bħala somma) mitlub mill-attur.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenuta[46], tilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur l-ammont ta' sitt elef u tlett mitt Ewro (€6,300) bl-imgħax legali mill-24 ta' Jannar 2019[47] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, iżda mhux dawk tal-ittra uffiċjali msemmija fl-Avviż, jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[45] Ħarsa lejn in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, għandu jirriżulta ċar li l-konvenuta baqgħet tinsisti fuq il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, aktar milli fil-mertu tat-talba (u dan meta din kienet diġà ġiet miċħuda minn din il-Qorti kif qabel preseduta).
[46] Għaliex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienet diġà ġiet deċiża preliminarjament.
[47] Data tal-preżentata tal-azzjoni ġaladarba l-ittra uffiċjali ma ġietx imressqa u b'hekk il-Qorti m'għandhiex tagħrif siewi tal-kontenut tagħha.